MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2002

Numru 198/2002

**Illum 26 ta' Gunju 2002**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**
**(Spettur Dennis Theuma )**

**vs**

**Adrian Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Adrian Borg ta' 20 sena imwieled Pieta fl-24 ta' April 1982 bin Emanuel u Eugenia nee' Bellia u residenti "Lelginbor" Triq il-Haddieda, Naxxar detentur ta' karta ta' identita numru 235882(m) akkuzat talli:

Fil-25 ta' Dicembru 2001 filghodu fin-Naxxar volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor

mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara jammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma teccedix il-hames mitt lira maltin (Lm500) ghad-detriment tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

Ghaldqstant filwaqt li kienu esebiti estratti mill-atti tat-twelid u fedina penali tal-imputat il-Qorti kienet mitluba biex il-kaz jigi investigat skond il-ligi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuza fl-udjenza tallum.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizzjonata ghalhekk l-akkuza hi pruvata.

Ghal dik li hi piena l-Qorti ser tadotta l-provediment infoskritt, nonostante li tikkunsidra r-reat bhala serju u anti socjali, stante r-risarciment mill-imputat tad-danni kollha kkagunata, l-eta' tieghu u l-fedina penali.

Wara li rat l-Artikolu 325(b) tal-kap 9 qeghda tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' 9 xhur millum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------